# MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

## STQARRIJA GĦALL-MEDJA

### ARM Asset Backed Securities SA ("ARM")

L-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-MFSA) tirreferi għall-avviż li xandret fil-31 t'Awwissu, 2011, dwar ARM Asset Backed Securities SA ("ARM"), u tixtieq tirreferi lill-investituri għal Communique de Presse 11/31 maħruġ fit-23 ta' Settembru, 2011, mill-Commission de Surveillance du Secteur Financier ("the CSSF"). Il-Communique huwa fil-format ta' *Frequently Asked Questions*.

L-MFSA taf li l-ARM infurmat lill-investituri li fis-26 t'Awwissu 2011, hija ffirmat ftehim ta' bejgħ u akkwist kondizzjonat ma' Insetco plc li, fost kundizzjonijiet oħra, huwa suġġett għal risposta pożittiva mill-maġġoranza skont il-valur tal-investituri kollha tal-ARM. L-MFSA, iżda, tixtieq tenfasizza li, kif indikat minn CSSF fil-komunikat tat-23 ta' Settembru 2011, l-aċċettazzjoni tal-ftehim propost ma' Insetco jiddependi finalment minn dak li jiddeċiedi l-likwidatur, li jiġi maħtur mill-qorti f'każ li ARM tiddeċiedi li ma tappellax mid-deċiżjoni tas-CSSF, sabiex jiddeċiedi fuq kull materja li tikkonċerna l-ARM u n-negozju tagħha.

Il-komunikat li s-CSSF xandret fit-23 ta' Settembru 2011 jirreferi wkoll għall-ħsieb tal-ARM li toħroġ dokument ta' konsultazzjoni lill-investituri tagħha. L-MFSA tħeġġeġ lil kull persuna li għandha investimenti f'xi bond maħruġ minn ARM, jew persuna li trasferit flus fl-ARM iżda li ma rċevietx il-bonds, sabiex tieħu parir professjonali ndipendenti, hekk kif tirċievi dan id-dokument ta' konsultazzjoni, sabiex tiddeċiedi jekk il-proposti humiex fl-aħjar interess tagħha.

Il-komunikat maħrug mis-CSSF fit-23 ta' Settembru 2011 jista' jinqara minn din il-link:

http://www.cssf.lu/fileadmin/files/Publications/Communiques/Communiques_2011/CP_1131.pdf

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**27 ta' Settembru 2011**
**Ref: MFSA MR 09/2011**